A.L. 111 ta' l-2006

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw l-Għaxar Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Kunsilli Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 55 u 72 (2) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, bi ftehim mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw l-Għaxar Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Kunsilli Lokali. Titolu.

2. Minflok l-Għaxar Skeda li tinsab ma' l-Att għandu jidħol dan li ġej:- Jemenda l-Għaxar Skeda li tinsab ma' l-Att.

"L-Għaxar Skeda

(Artikolu 55)

Allokazzjoni Finanzjarja tal-Kunsilli

Flejjes approprjati għall-Kunsilli Lokali skond l-Artikolu 55 għandhom jiġu allokati lil kull Kunsill kif ġej:

Fejn Sn hija l-allokazzjoni li tirċievi l-lokalità (n)

Sn = (Gt x ([0.38 x Gan/Gat] + [0.51 x Gbn/Gbt] + [0.06 x Gcn/Gct] + [0.05 x Gdn/Gdt])) +

(Vt x ([0.5 x Hvn/Hvt] + [0.5 x Sin/Sit])) +

(Kt x ([0.13 x U1n/U1t] + [0.17 x U2n/U2t] + [0.43 x U3n/U3t] + [0.27 x U4n/U4t])) +

(Rt x Pn/Pt) +

(Bt x Pn/Pt) +

(Bit x Sn/St) +

(Wt x Pn/Pt) +

(Mt x ([0.42 x Uan/Uat] + [0.37 x Ubn/Ubt] + [0.21 x Ucn/Uct])) +

(Lt x Cn/Ct) +

(Nt x Nun/Nut) +

(Tt x ([0.7 x Un/Ut] + [0.3 x Nun/Nut])) +

(Xt x ([0.04 x Xan/Xat] + [0.378 x Xbn/Xbt] + [0.316 x Xcn/Xct] + [0.266 x Xdn/Xdt])) +

(Slt x ([0.386 x Un/Ut] + [0.043 x Nun/Nut] + [0.571 x Sen/Set])) +

(Bst x Shn/Sht) +

(Grt x Kgn/Kgt) +

(Rblt x ([0.11 x Rln/Rlt] + [0.89 x Bln/Blt])) +

(At x En/Et);

fejn St hija l-approprjazzjoni totali li ssir mill-Ministru responsabbli għal finanzi skond l-Artikolu 55

St = (Gt + Vt + Kt + Rt + Bt + Bit + Wt + Mt + Lt + Nt + Tt + Xt + Slt + Bst + Grt + Rblt + At);

u fejn:

Gt	hija s-somma totali għall-manutenzjoni tal-ġonna pubbliċi fil-lokalitajiet kollha;
Gan, Gbn, Gcn, Gdn,	huma l-erba' tipi ta' klassifikazzjoni ta' *areas* fil-ġonna pubbliċi tal-lokalità;
Gat, Gbt, Gct, Gdt,	huma l-erba' tipi ta' klassifikazzjoni ta' *areas* fil-ġonna pubbliċi tal-lokalitajiet kollha;
Vt	hija s-somma totali għall-manutenzjoni tas-*soft areas* fil-lokalitajiet kollha;
Hvn	hija l-*area* tal-ħamrija fis-*soft areas* tal-lokalità;
Hvt	hija l-*areas* tal-ħamrija fis-*soft areas* tal-lokalitajiet kollha;
Sin	hija n-numru ta' siġar fis-*soft areas* tal-lokalità;
Sit	hija n-numru ta' siġar fis-*soft areas* tal-lokalitajiet kollha;
Kt	hija s-somma totali għall-knis u qtugħ ta' ħaxix fil-lokalitajiet kollha;
U1n, U2n, U3n, U4n	huma l-erba' tulijiet ta' toroq skond il-klassifikazzjoni tal-knis fiż-żona urbana tal-lokalità;
U1t, U2t, U3t, U4t	huma l-erba' tulijiet ta' toroq skond il-klassifikazzjoni tal-knis fiż-żona urbana tal-lokalitajiet kollha;
Rt	hija s-somma totali għall-ġbir ta' l-iskart fil-lokalitajiet kollha;
Pn	hija n-numru ta' residenzi fil-lokalità;
Pt	hija n-numru totali ta' residenzi fil-lokalitajiet kollha;
Bt	hija s-somma totali għall-*Bulky Refuse* fil-lokalitajiet kollha;
Bit	hija s-somma totali għall-*Bring-in-Sites* fil-lokalitajiet kollha;
Wt	hija s-somma totali għall-*Bins-on-Wheels* fil-lokalitajiet kollha;

Sn	hija n-numru ta' *Bring-in-Sites* fil-lokalità;
St	hija t-total ta' *Bring-in-Sites* fil-lokalitajiet kollha;
Mt	hija s-somma totali għas-sinjali u t-tabelli tat-traffiku fil-lokalitajiet kollha;
Uan, Ubn, Ucn	huma t-tliet tulijiet ta' toroq skond il-klassifikazzjoni tas-sinjali u tabelli tat-traffiku fiż-żona urbana tal-lokalità;
Uat, Ubt, Uct	huma t-tliet tulijiet ta' toroq skond il-klassifikazzjoni tas-sinjali u tabelli tat-traffiku fiż-żona urbana tal-lokalitajiet kollha;
Lt	hija s-somma totali għaż-żamma tal-latrini pubbliċi fil-lokalitajiet kollha;
Cn	hija n-numru ta' *urinals* u *W.C.*'s fil-latrini pubbliċi tal-lokalità;
Ct	hija n-numru ta' *urinals* u *W.C.*'s fil-latrini pubbliċi tal-lokalitajiet kollha;
Nt	hija s-somma totali għat-tindif ta' toroq fiż-żona mhux urbana fil-lokalitajiet kollha;
Nun	hija t-tulijiet ta' toroq fiż-żona mhux urbana tal-lokalità;
Nut	hija t-tulijiet ta' toroq fiż-żona mhux urbana tal-lokalitajiet kollha;
Tt	hija s-somma totali għall-manutenzjoni tat-toroq fil-lokalitajiet kollha;
Un	hija t-tulijiet ta' toroq fiż-żona urbana tal-lokalità;
Ut	hija t-tulijiet ta' toroq fiż-żona urbana tal-lokalitajiet kollha;
Xt	hija s-somma totali għat-tindif tax-xtut fil-lokalitajiet kollha;
Xan, Xbn, Xcn, Xdn,	huma l-erba' tipi ta' klassifikazzjoni ta' *areas* ta' xtut tal-lokalità;
Xat, Xbt, Xct, Xdt,	huma l-erba' tipi ta' klassifikazzjoni ta' *areas* ta' xtut tal-lokalitajiet kollha;
Slt	hija s-somma totali għal-lampi ġodda tat-toroq u manutenzjoni tal-lampi eżistenti tat-toroq fil-lokalitajiet kollha;
Sen	hija n-numru ta' lampi eżistenti tat-toroq fil-lokalità;
Set	hija n-numru ta' lampi eżistenti tat-toroq fil-lokalitajiet kollha;

Bst	hija s-somma totali għall-manutenzjoni ta' *bus shelters* fil-lokalitajiet kollha;
Shn	hija n-numru ta' *bus shelters* fil-lokalità;
Sht	hija t-total ta' *bus shelters* fil-lokalitajiet kollha;
Grt	hija s-somma totali għal dawk il-Kunsilli Lokali li jirċievu għandhom ħlas għal kirjiet tal-Gvern;
Kgn	hija n-numru ta' kirjiet tal-Gvern imħallsa f'sena kalendarja fil-lokalità;
Kgt	hija t-total ta' kirjiet tal-Gvern imħallsa f'sena kalendarja fil-lokalitajiet kollha;
Rblt	hija s-somma totali għal dawk il-lokalitajiet li għandhom Libreriji Reġjonali u Libreriji Friegħi;
Rln	hija l-Librerija Reġjonali fil-lokalità;
Rlt	hija t-total ta' Libreriji Reġjonali fil-lokalitajiet kollha;
Bln	hija l-Librerija Fergħa fil-lokalità;
Blt	hija t-total ta' Libreriji Friegħi fil-lokalitajiet kollha;
At	hija s-somma totali għall-ispejjeż amministrattivi fil-lokalitajiet kollha;
En	hija n-numru ta' kunsilliera li jiffurmaw il-Kunsill fil-lokalità;
Et	hija t-total ta' kunsilliera li jiffurmaw il-Kunsilli Lokali kollha f'Malta u Għawdex.